# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat :*

*Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**vs**

**Colin Linwood**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Colin Linwood** li ghandu n-numru tal-karta tal-identita 40867M talli nhar id-19 t'Awissu 2013 fi Triq il-Labour, il-Marsa għall-ħabta tas-02:00 ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu licenza jew permess mingħand il-Kummissarju u dan bi ksur tal-Art 6 tal-Kap 480 kif ukoll talli żamm fil-pussess tiegħu jew f'xi fond jew inkella uża xi arma tan-nar jew munizzjoni (seba' bullets) minn dawk elenkati taht l-Iskeda II tal-Kap 480 u dan bi ksur tal-Art 5(1) tal-Kap 480;

Il-Qorti rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, tagħtu żmien biex jerġa lura minnha u ftit aktar tard fil-preżenza tal-Avukat Difensur tenna l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu.

Fid-dawl tal-ammissjoni imtennija tiegħu il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

# DEĊIDE

li wara li rat l-Artikoli 6, 51(7), u kif ukoll 5(1) u 51(2) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tiddikjara lil Colin Linwood, fuq l-ammissjoni inkondizjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u tikkundannah għall-multa komplessiva ta' disa' mitt euro (€900) illi għandhom jitħallsu permezz ta' rati mensili suċċessivi u ininterroti ta' €25 fix-xahar u f'każ li l-imputat jonqos milli jħallas tali rati huwa jiddekadi mill-benefiċċju tat-terminu koncess lilu u l-bilanc ikun dovut f'daqqa u f'każ li jonqos li jħallas tali bilanċ, l-istess multa bilanċjali tiġi konvertita f'terminu ta' priġunerija skont ir-rati applikabbli pro tempore b'dan li l-ewwel rata għandha titħallas nhar l-1 t'Awwissu, 2014 u hekk f'kull l-ewwel tax-xahar sussegwenti sakemm jitħallas l-ammont kollu tal-multa aktar 'il fuq imflitta.

Inoltre il-Qorti wara li rat l-Artikolu 56 tal-Kap. 480, il-Qorti tordna l-konfiska tal-armi u munizzjon eżebiti u wara li rat l-Art. 57 tal-Kap. 480

il-Qorti qiegħda tipprojbixxi lill-ħati milli jkollu liċenzja taħt l-istess Att għal perjodu ta' tlett snin mill-lum.

***Aaron M. Bugeja.***